A.L. 114 ta' l-2005

ATT DWAR IS-SIGURTÀ TA' L-IKEL
(KAP. 449)

Regolamenti (Emenda) ta' l-2005 dwar Tikkettjar, Preżentazzjoni u Reklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija mill-artikolu 10 ta' l-Att dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel, il-Ministru tas-Saħħa, Anzjani u Kura tal-Komunità għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Isem u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamanti hu Regolamenti (Emenda) ta' l-2005 dwar Tikkettjar, Preżentazzjoni u Reklamar ta' Oġġetti ta' l-Ikel, u għandhom jinqraw u jkunu interpretati bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2004 dwar Tikkettjar, Preżentazzjoni u Reklamar ta' Oġġett ta' l-Ikel, minn issa 'l quddiem imsejjħin "ir-regolamenti prinċipali". À.L. 483 ta' l-2004.

Jemenda regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Regolament 1.1.2 tar-regolamenti prinċipali għandu jkun emendat biex jinqara kif ġej:

"id-dispożizzjonijiet tas-subregolament 1.1.1 m'għandhomx japplikaw għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 17.1, punti 6, 7 u 8 tas-Sitt Skeda;"

3. Regolament 1.1.3 tar-regolamenti prinċipali għandu jkun emendat biex jinqara kif ġej:

"id-dispożizzjonijiet tar-regolament 17.1, punti 6, 7 u 8 tas-sitt Skeda għandhom japplikaw mill-20 ta' Mejju, 2006, iżda prodotti li ma jikkonformawx mar-regolament 17.1, punti 6, 7 u 8 tas-Sitt Skeda, iżda li kienu tikkettjati qabel l-20 ta' Mejju 2006 jistgħu jinbiegħu sakemm jispiċċaw il-ħażniet."

Jemenda regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

4. Id-definizzjoni li ġejja għandha tiżdied bħala punt (aa) immedjatament wara punt (z) fir-regolament 3.1:

" 'Laħam' għandha tfisser il-laħam ta' bovini, porċini, nagħaġ, mogħoż, tjur jew *lepines*, u ppreżentati għall-bejgħ bħala tali, iżda għandha teskludi prodotti preparati li fihom laħam bħala ingredjent."

Jemenda regolament 15 tar-regolamenti prinċipali.

5. Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied bħala regolamenti 15.17 u 15.18 immedjatament wara r-regolament 15.16:

"15.17. Laħam li:

(i) m'hux ippakkjat minn qabel, jew

(ii) hu ppakkjat minn qabel biex jinbiegħ direttament,

għandu jkun immarkat jew ittikkettjat fejn ikun qed jinbiegħ bil-partikolaritajiet li ġejjin b'żjieda ma' dawk speċifikati fir-regolament 15.2:

(a) dikjarazzjoni li tagħti l-preżenza ta' ilma jew ingredjenti oħra miżjudin, jekk ilma jew ingredjenti oħra jkunu ġew miżjuda mal-laħam f'xi stadju qabel il-bejgħ lill-konsumatur aħħari;

(b) dikjarazzjoni li tagħti l-ammont ta' ilma miżjud, jekk applikabbli, espress bħala perċentwali skond il-piż tal-prodott kif offrut għall-bejgħ lill-konsumatur aħħari.

15.18 Regolament 15.17 m'għandux japplika meta l-ingredjenti waħdiena l-oħra miżjudin huma melħ, ħwawar u ħxejjex aromatiċi fi kwantitajiet żgħar esklussivament għall-iskop ta' taħwir."

6. Regolament 15.2(a) għandu jkun emendat biex jinqara kif ġej:

" (a) ikel li:

(i) m'hux ippakkjat minn qabel, jew

(ii) hu ppakkjat minn qabel biex jinbiegħ direttament,

minbarra kull ikel tali li għalih japplikaw il-paragrafi 15.13, 15.14, 15.15 jew 15.17;"